MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2009

Numru 618/2004

**IL-PULIZIJA
SPETTUR ANTHONY CASSAR**

**KONTRA**

**ANGELO ABELA ta’ 37 sena, iben George u Josephine nee’ Abela, imwieled Tal-Pieta’ nhar it-08.02.1972, residenti fil-fond numru 26, Triq il-Grazzji, Sqaqa numru 1, Haz-Zabbar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 117872M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra ‘l hawn fuq imsemmi **ANGELO ABELA** li gie akkuzat talli f’Misrah San Gakbu, u fi bnadi ohra f’Haz-Zabbar, nhar is-Sibt, 31 ta’ Lulju, 2004, ghall-habta ta’ nofsinhar:

1. Ingurja, hedded, u ghamel offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Local Warden G 224 Joseph Gauci Borda li huwa persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz bil-hsieb li jbezzghu, jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u dan skond ma ccertifikat Dr Susan Mallia MD mic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid;

2. U aktar talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-istess Local Warden G 224 Joseph Gauci Borda, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti;

3. U aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamel hsara fil-computer ta’ l-istess warden ghad-dannu tal-Guard and Warden Service Hoome Limited ta’ l-Imsida, liema hsara tammonta ghal madwar elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500.00);

4. U aktar talli gera bil-qawwi fit-triqat jew fil-pjazez, b’periklu li jahbat ma’ xi hadd u jwegghu;

5. U aktar talli kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Rat li l-Avukat Generali baghat il-kunsens ghal proceduri sommarji;

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija kagun ta’ incident li nqala’ meta l-Warden G 224 Joseph Gauci Borda flimkien ma’ Warden iehor G 261 Maria Alexia Cardona gibdu l-attenzjoni ta’ mart l-imputat ghall-fatt illi hi ma kinitx liebsa seat belt, ovvja waqt li din kienet qieghda ssuq. Mart l-imputat aderixxiet mat-talba taz-zewg wardens li tilbes is-seat belt, u hekk ghamlet. Pero skond ix-xhieda ta’ l-imsemmija wardens, din appena libset is-seat belt, qabdet it-telephone cellulari f’idejha, hawn ukoll waqt li kienet qieghda ssuq.

Kien hawn li ghalhekk Warden Gauci Borda ghamel is-sinjal lis-Sinjura biex tigbed mal-genb biex jaghtieha d-debita citazzjoni. Hawn skond dan ix-xhud is-sinjura *‘bdiet tghajjat, baqghet fin-nofs, nizlet mill-karozza taghha …issabbat fuq il-karozza, bdiet tippanikja nsomma.’* (folio 25). Ikompli x-xhud *‘Ezatt kif irnexxieli nikkalmaha u nerga’ ndahhalha lejn il-karozza gie Sinjur minn warajja….lanqas indunajt li gie u mbuttani. Ezatt kif imbuttani il-computer tieghi waqa’ minn idejja, hbatt ma’ koxxa ta’ bieb….’* (*ibid*)

Minn dan l-incident Gauci Borda sofra griehi ta’ natura hafifa – dan skond kif iccertifikat u xehdet Dr Susan Mallia – vide DOK AC2 a folio 19 u folio 81.

Dan l-incident gie ben ikkoraborat minn Warden 261 Maria Alexia Cardona. Din irrakkontat l-istess verzjoni li ta l-kollega taghha, qalet li kif *‘….tefghet fil-genb is-Sinjura, harget mill-karozza, qabdet tghajjat, haditu b’certu mod lill-kollega tieghi….wara hafna ghajjat, storbju u dan,…..ghamilna xi kwarta ma’ din is-Sinjura, tghajjat, tghajjat, tghajjat bla ebda kontroll…..umbaghad ma nafux minn fejn gie s-Sinjur u kif konna qieghdin indawrin wiccna lejha….gie mbuttah minn dahru.’* (folio 54).
Gharfet ukoll id-dokument AC cioe’ l-husky computer miksur meta waqa’ minn idejn Gauci Borda.

Ghalhekk Charlie Curmi xehed illi kien operations manager tal-Guard and Warden Services. Dan xehed illi l-husky kien jiswa Lm1,500.00. Aktar tard xehed illi l-hsara

sofferta minn dan il-husky kienet ta’ Lm450.00 – Lm500.00. Minn naha tieghu huwa IT manager mas-socjeta’ msemmija. Xehed li dan il-husky sofra hsara ta’ bejn Lm500.00 – Lm550.00

Xehed ukoll minn jheddu l-imputat Angelo Abela. Hu pero rrilaxxa stqarrija a folio 17 – 19 tal-process DOK AC1. F’dan l-istadju huwa qal illi mhux vera li kien sabbat lill-Warden mal-faccata, pero li mbuttah biss. (folio 18). Anzi qal ili kien ilu jissaporti lill-Warden ghax kien ilu sena jissaportieh ghax kien ilu sena shiha jircievi citazzjonijiet minghandu. Qal ukoll li pero f’dan ir-rigward qatt ma ha passi, ghax ma kienx jaf li seta’ jaghmel dan. Dwar griehi li sofra l-Warden jghid u rrisponda *‘Jien kemm imbuttajtu.’* (folio 18). Dwar il-husky f’dan l-istadju jghid illi ma jafx li dan garrab hsara. Qal ukoll illi kien il-Warden li rega’ ried ihebb ghalih.

Vica voce qal illi l-Warden waqqaf lill-marra u ried izommha hemm. Jammetti li verament cemplilha, qaltlu li l-Warden waqqafjha u ma riedhiex titlaq. Qal illi kellem lill-Warden, allura bit-telephone, u qallu biex jekk haqqha citazzjoni jaghtihielha, pero jhallieha titlaq. Qal illi dan, cioe’ l-Warden, beda jidghi fuq il-mobile. Qal li hawn ikkontesta lill-Warden talli zamm lil martu, kien hawn li l-Warden qallu *‘….issa nsara min hu l-bully’* Anzi jkompli jghid viva voce li mhux talli l-kaxxa (il-husky) ma ghamlilhiex hsara hu, pero kien l-istess Warden Gauci Borda li sabbatha ma’ l-art. Viva voce qal ukoll issa li mhux vera li kien imbuttah lill-Warden. Qal l-imputat illi mhux vera li mbuttah, anzi kine hu (il-Warden), li waddab il-kaxxa ma’ l-art. Tant baqa’ jinsisti li ma’ messx il-kaxxa, li baqa’ nsistenti li jittiehdulu l-impronti digitali.

Rita Cini, allura dik il-mara mwaqqfa mill-Wardens, xehdet illi l-Warden waqqafha ghax kellha d-dritta u ppretenda li thallieh jghaddi. Tghid li waqaf, sabbtilha fuq il-vettura ghax ma kellhiex seat belt, mentri seat belt skond hi kellha. Innegat ukoll illi l-mobile kien f’idejha, cioe’ li kienet qieghda tuzah. Tghid anzi wkoll illi anke hallieha hemm, (fil-post) kontra l-volonta’ taghha. Tghid illi kien hawn li cemplet lil Anglu. Tghid anzi li l-Warden zammha hemm,

beda jsabbat fuq il-karozza. Tghid li anke wahhlilha citazzjonijet ghalxejn. Tghid ukoll illi lil Anglu (l-imputat) dan il-Warden spjegalu li ma riedhiex titlaq talli ma kinitx liebsa seat belt u sahansitra li dan il-Warden qabad il-kaxxa (husky), u sabbtu ma' l-art. Xehdet ukoll illi Anglu lill-Warden qatt ma messu.

Ikkunsidrat:

Illi bla tlaqlieq din il-Qorti tiddikkjara mill-bidu nett li l-verzjoni moghtija mill-imputat u l-habiba tieghu xejn ma hi veritjiera. Wiehed irid jiftakar biss biss illi Angelo Abela ghalkemm fil-bidu ammetta li mbotta ftit lill-Warden, spicca biex nesa dan kollu u nnega li qatt messu. Mhux talli hekk, talli jrid lill-Qorti ghandha temmnu li dan il-Warden sabbat il-husky tiehgu ma' l-art. Neganti wkoll illi hu mbotta lill-Warden, Angelo Abela forsi qieghed ukoll jippretendi li l-Warden allura nstabat wahdu gol-faccata biex b'hekk spicca bit-tgengil kif spicca.

Kumment iehor li trid tghaddi din il-Qorti, emanenti minn mistoqsijiet mid-Difiza, huwa l-fatt illi l-Warden zamm lil Rita Cini fil-post biex jiehu l-partikulari u anki jikkalmaha. Certament jaqa' fi dmir ta' Warden li jwaqqaf lis-sewwieq u johodlu l-particulars. Jekk sewwieq ma jridx jinzamm, allura ghandu jikkopera mhux jargumenta. Din taz-zamma, qisu l-Warden issekwestra lil Cini, ma kienet xejn hlief attentat fazull tad-Difiza biex tipprova tiggustifika l-azzjonijiet incivili ta' Abela u Cini.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu, b'dan illi t-tieni mputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda, hati tat-tielet u l-hames imputazzjonijiet, u dna wara li rat l-Artikoli 95, 96, 325, u 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Qieghda pero tilliberah mir-raba' mputazzjoni in kwantu ma tirrizultax.

Dwar il-piena rat ukoll illi l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rat il-fedina penali ta' l-imputat li ghalkemm mhux wahda ghal kollox riftrattarja, pero qieset ukoll l-ezempju hazin li tali reati mhux sufficjentement

punititi jhallu fuq is-socjeta', qieghda ghaldaqstant tikkudanna lil Angelo Abela ghal piena karcerarja ta' sitt xhur – dan tenut kont ukoll illi Warden qieghed jaqdi dmir uficjali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------